31962R0026

20.4.1962 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30/993

IR-REGOLAMENT Nru 26

li japplika ċerti regoli tal-kompetizzjoni għall-produzzjoni u għall-kummerċ ta' prodotti agrikoli

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u 43 ta' dan it-Trattat,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi bis-saħħa ta' l-Artikolu 42 tat-Trattat waħda mill-kwistjonijiet li trid tiġi deċiża fl-ambitu tal-politika agrikola komuni hija jekk ir-regoli dwar il-kompetizzjoni stabiliti fit-Trattat għandhomx japplikaw għall-produzzjoni u għall-kummerċ fil-prodotti agrikoli, u għalhekk dawn id-diżposizzjonijiet t'hawn taħt iridu jiġu ssupplimentati fid-dawl ta' l-iżviluppi f'din il-politika;

Billi l-proposti sottomessi mill-Kummissjoni għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika agrikola komuni juru illi ċerti regoli dwar il-kompetizzjoni għandhom japplikaw mill-ewwel għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli sabiex jiġu eliminati l-prattiki li jmorru kontra l-prinċipji tas-suq komuni u li huma ta' ħsara għall-kisba tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-Trattat u sabiex tiġi pprovduta bażi għall-istabbiliment fil-ġejjieni ta' sistema ta' kompetizzjoni adattata għall-iżvilupp tal-politika agrikola komuni;

Billi r-regoli dwar il-kompetizzjoni li għandhom x'jaqsmu mal-ftehim, mad-deċiżjonijiet u mal-prattiki msemmija fl-Artikolu 85 tat-Trattat u dwar l-abbuż minn pożizzjonijiet dominanti jridu jiġu applikati għall-produzzjoni u l-kummerċ ta' prodotti agrikoli, sakemm l-applikazzjoni tagħhom ma twaqqafx il-funzjonament ta' l-organizzazzjonijiet nazzjonali tas-swieq agrikoli jew ma theddidx il-ksib tal-miri tal-politika agrikola komuni;

Billi għandha tingħata attenzjoni speċjali fil-każ ta' l-organizzazzjonijiet tal-bdiewa li huma involuti b'mod partikolari fil-produzzjoni jew il-*marketing* konġunt tal-prodotti agrikoli jew li għandhom x'jaqsmu ma' l-użu ta' faċilitajiet konġunti, għajr jekk din l-azzjoni konġunta teskludi l-kompetizzjoni jew thedded il-ksib tal-miri ta' l-Artikolu 39 tat-Trattat;

Billi, sabiex jiġi evitat sew li jiġi kompromess l-iżvilupp ta' politika agrikola komuni u sew biex tiġi żgurata ċ-ċertezza fil-liġi u t-trattament mhux diskriminatorju ta' l-impriżi konċernati, il-Kummissjoni għandu jkollha kompetenza esklussiva, suġġetta għar-reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, li tistabbilixxi jekk il-kondizzjonijiet ipprovduti fiż-żewġ reċitazzjonijiet preċedenti rigward il-ftehim, id-deċiżjonijiet u l-prattiki msemmija fl-Artikolu 85 tat-Trattat, humiex issodisfati;

Billi, sabiex tiffaċilita li jiġi meħud kont tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tat-Trattat li jirrigwardaw l-agrikoltura, u b'mod partikolari dawk ta' l-Artikolu 39, il-Kummissjoni għandha, fi kwistjonijiet ta' *"dumping"*, tistma l-kawżi kollha tal-prattiki li dwarhom jitressaq ilment u b'mod partikolari l-livell tal-prezz li bih il-prodotti minn sorsi oħra jiġu importati fis-suq konċernat; billi hija trid, fid-dawl ta' l-istima tagħha, tagħmel rakkomandazzjonijiet u tawtorizza miżuri protettivi hekk kif ipprovdut fl-Artikolu 91(1) tat-Trattat;

Billi, sabiex jiġu implimentati, bħala parti mill-iżvilupp tal-politika agrikola komuni, ir-regoli dwar l-għajnuniet għall-produzzjoni u għall-kummerċ fil-prodotti agrikoli, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni illi tfassal lista tal-għajnuniet eżistenti, ġodda u proposti, sabiex tagħmel osservazzjonijiet xierqa lill-Istati Membri u sabiex tipproponilhom miżuri xierqa,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Artikoli 85 sa 90 tat-Trattat u d-dispożizzjonijiet magħmula għall-implimentazzjoni tagħhom għandhom, bla ħsara għall-Artikolu 2 ta' hawn taħt, japplikaw għall-ftehim, għad-deċiżjonijiet u għall-prattiki kollha miftiehma li għalihom hemm referenza fl-Artikoli 85(1) u 86 tat-Trattat li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni jew il-kummerċ tal-prodotti mniżżla fil-lista fl-Anness II tat-Trattat.

L-Artikolu 2

1. L-Artikolu 85(1) tat-Trattat ma għandux japplika għal dak il-ftehim, deċiżjonijiet u prattiki li għalihom hemm referenza fl-Artikolu preċedenti li jifformaw parti integrali minn organizzazzjoni tas-suq nazzjonali jew li huma meħtieġa għall-kisba tal-miri ddikjarati fl-Artikolu 39 tat-Trattat. B'mod partikolari, dan m'għandux japplika għall-ftehim, għad-deċiżjonijiet u għall-prattiki tal-bdiewa, l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, jew l-assoċjazzjonijiet ta' dawn l-assoċjazzjonijiet li jappartjenu għal Stat Membru wieħed u li jirrigwardaw il-produzzjoni jew il-bejgħ ta' prodotti agrikoli jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti għall-ħażna, għat-trattament jew għall-ipproċessar ta' prodotti agrikoli, u li dwarhom ma hemm l-ebda obbligu li jintalbu prezzijiet identiċi, għajr jekk il-Kummissjoni ssib illi l-kompetizzjoni hija b'hekk eskluża jew li l-miri ta' l-Artikolu 39 tat-Trattat huma mhedda.

2. Wara li tikkonsulta lill-Istati Membri u tisma' lill-impriżi jew lill-assoċjazzjonijiet ta' l-impriżi konċernati u lil kull persuna naturali jew legali oħra li tikkonsidra xierqa, il-Kummissjoni għandu jkollha l-kompetenza esklussiva, suġġetta għar-reviżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, li tistabilixxi, permezz ta' deċiżjoni li għandha tiġi ppubblikata, liema ftehim, deċiżjonijiet jew prattiki jissodisfaw il-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha timpenja ruħha li tistabilixxi dan jew fuq l-inizjattiva tagħha jew fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew ta' impriża jew ta' assoċjazzjoni ta' impriżi interessati.

4. Il-pubblikazzjoni għandha tiddikjara l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni; għandha tieħu kont ta' l-interess leġittimu ta' l-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

L-Artikolu 3

1. Bla ħsara għall-Artikolu 46 tat-Trattat, l-Artikolu 91(1) tiegħu għandu japplika għall-kummerċ fil-prodotti mniżżla fil-lista fl-Anness II tat-Trattat.

2. B'qies xieraq għad-diżposizzjonijiet tat-Trattat dwar l-agrikoltura, u b'mod partikolari dawk ta' l-Artikolu 39, il-Kummissjoni għandha tistma l-kawżi kollha tal-prattiki lmentati minnhom, b'mod partikolari l-livell tal-prezz li bih il-prodotti minn sorsi oħra jiġu importati fis-suq konċernat.

Fid-dawl ta' l-istima tagħha, hija għandha tagħmel rakkomandazzjonijiet u tawtorizza miżuri protettivi kif ipprovdut fl-Artikolu 91(1) tat-Trattat;

L-Artikolu 4

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 93(1) u ta' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 93(3) tat-Trattat għandhom japplikaw għall-għajnuniet mogħtija għall-produzzjoni jew għall-kummerċ tal-prodotti mniżla fil-lista fl-Anness II tat-Trattat.

L-Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, bl-eċċezzjoni ta' l-Artikoli 1 sa 3, li għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1962.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' April 1962.

Għall-Kunsill

Il-President

M. COUVE de MURVILLE